VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,294, 8 ta' Awwissu, 2014
Taqsima B

A.L. 265 tal-2014

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Att X tal-2003)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Att tal-2003 li jemenda l-Att dwar il-Valur Miżjud. Att X tal-2003.

1. Fis-subparagrafu (g) tal-paragrafu 3 tat-Taqsima Ħamsa tal-Ħames Skeda, kif miżjuda bl-artikolu 47 tal-Att tal-2003 li jemenda l-Att dwar il-Valur Miżjud - l-Att X tal-2003 - għandha ssir korrezzjoni billi minflok il-kliem "u 9021.21.90 fil-Kapitolu 90" għandhom jidħlu l-kliem "u 9021.21.90; u 9022 fil-Kapitolu 90".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-1 ta' Mejju, 2004, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.